MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1479/2005

**Riviera Resort Ltd (C23519)**

**vs**

**XL Travel Services Ltd**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta’ Lulju, 2005 fejn intalab illi s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ hames mija u hdax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm511.50) rapprezentanti somma dovuta ghall-akkomodazzjoni u servizzi ohra provduti mis-socjeta` attrici fuq talba tal-istess socjeta` konvenuta (Dok. RR1);**

**Peress illi s-socjeta` konvenuta ghalkemm interpellata permezz ta' ittra legali datata 19 ta' April, 2005, baqghet inadempjenti (Dok. RR2);**

**It-Tribunal gie mitlub jikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u hdax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm511.50);**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja datata 19 ta' April, 2005, li jammontaw ghal ghaxar lira (Lm10) u bl-imghax skond il-Ligi sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fis-27 ta' Settembru, 2005, ghas-subizzjoni tas-socjeta` konvenuta. Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u hdax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm511.50) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-5 t'Awissu, 2005 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tad-19 t'April, 2005, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------